**Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat**

(Parti bil-miktub)

L-Erbgħa 29 ta' Diċembru 2010

9.00 *a.m.* sa 12.00 *m.d.*

(It-tweġibiet għandhom ikunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin totali biex twieġeb kemm għal Taqsima A kif ukoll għal Taqsima B huwa ta' tliet sigħat)

## Taqsima A

Wieġeb għal tlieta biss minn dawn li ġejjin billi tħejji l-atti meħtieġa u motivati biex issir:

1. talba għal rimedju taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u taħt il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali għax il-klijent tiegħek igħid illi kien imċaħħad mill-jedd għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli fi proċeduri ċivili li fihom kien attur u li nqatgħu kontra tiegħu.

2. (a) talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni biex persuna tinżamm milli tkompli tagħmel atti ta' konkorrenza illeċita u (b) kawża biex jintalab rimedju kontra min għamel atti ta' konkorrenza illeċita.

3. (a) tweġiba għal rikors maħluf li fih qiegħed jintalab illi l-klijent tiegħek iħallas għas-servizz li ingħata meta l-klijent tiegħek kien mar għand dentist għax kellu darsa mħassra iżda d-dentist bi żball qala' darsa oħra; wara qala' wkoll id-darsa mħassra iżda l-klijent tiegħek ma riedx iħallas u għalhekk saret il-kawża kontrih; u (b) rikonvenzjoni b'kontro-talba biex il-klijent tiegħek jitlob id-danni talli nqalgħetlu darsa b'oħra.

4. appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li ċaħdet talba tal-klijent tiegħek biex jintraddlu l-pussess ta' immobbli li jgħid illi huwa proprjeta tiegħu.

5. (a) talba għar-reġistrazzjoni ta' sentenza ta' nullità ta' żwieġ mogħtija mit-Tribunal Ekkleżjastiku; u (b) talba għal-likwidazzjoni u l-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti.

6. appell minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li biha dik il-Qorti sabet lill-klient tiegħek ħati ta' omiċidju involontarju f'inċident stradali iżda ma sabitux ħati ta' sewqan perikoluż.

## PARTI B

Wieġeb mistoqsija <u>waħda</u> biss minn dawn li ġejjin:

7. F'liema ċirkostanzi jista' avukat jippatroċina klient li qabel kien patroċinat minn avukat ieħor u x'għandu jagħmel l-avukat li ġie avviċinat mill-klient f'każ illi ma hemmx kunsens mill-avukat preċedenti u hemm kwistjoni urgenti x'tiġi ttrattata?

……./P.T.O.

8. Iddeskrivi l-privileġġ ta' kunfidenzjalita' li jgawdu l-klienti ta' avukati fil-kuntest tal-limiti tas-sigriet professjonali, jekk tali limiti jezistu.

9. "L-ewwel dmir tal-avukat hu lejn il-klient u mhux lejn il-Qorti". Iddiskuti din il-proposta kemm fil-kuntest tal-qrati ċivili kif ukoll dawk kriminali.